**Ħafifa twaddab il-ġebel**

Ħafifa twaddab il-ġebel
Takkuża nies bla ħtija,
Ħafifa twaddab il-ġebel
Fuq il-foqra w il-minsija.

Ħafifa twaddab il-ġebel
Tpoġġi il-kliem ma ngħadx,
Ħafifa twaddab il-ġebel
Tiegħek biss jgħodd ma tistax.

Ħafifa twaddab il-ġebel
Bil-mibegħda l-qalb,
Ħafifa twaddab il-ġebel
Takkuża ‘l min ifittex ‘t-talb.

Ħaġa waħda hemm sabiħa
Li Alla l-ħaj jaf x'hemm fil-qlub,
U fis-skiet, ‘il bogħod mill-ħsara
Jaf ikellem fil-mard tad-dnub.

Isejjaħlek, isejjaħli
Biex nagħmlu flimkien il-pass,
Tal-indiema wisq sinċiera
Li tfejjaq minn dal-frakass.

U quddiem tant mewt u niket
Ħaġa jibaqgħlna, it-tnejn,
Li nimxu id f'id lejn maħfra
Li sserraħ ir-ruħ, dawl l-għajnejn.

F'dawlu nintebħu kemm konna
It-tnejn fl-għama u fil-ġenn,
Il-ġlieda tassew jirbaħha
Min iseħħlu tassew iħenn.

Ma nafx tilaqgħhiex dil-kelma
Jekk le kuxjenza għandek,
Ħallieha tkellmek u turik
Tiġġieldihiex għax tfarrkek.

Ħa ninsewha din tal-ġebel
U nibdew paġna ġdida,
Ħajjitna hi wisq qasira
Nissaħħu għall-isfida.

Ma nagħmlux x'tgħidilna rasna
Imma nagħmlu bħal ġemel,

Nħarsu lil xulxin għax aħwa
U qatt ma nwaddbu l-ġebel.

Patri Mario Attard OFM Cap
21 ta' Settembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.